# IL-PARROĊĊA TA' SANT'ANDRIJA

## MATUL IŻ-ŻMINIJIET

Mal-miġja tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann l-akbar knisja tar-raħal ta' dak iż-żmien kienet ta' Sant'Andrija. In-nies ta' Ħal Luqa baqgħet tagħmel sa l-aħħar ma' Birmiftuħ minħabba xi beni li kienu proprjetà tal-kleru ta' Ħal Luqa. Dawn il-kwistjonijiet damu biex jintemmu biex saret parroċċa, fejn ħadet l-akbar limitu. Infatti nsibu li l-parroċċa għandha ħafna proprjetà ta' dak iż-żmien, u ta' min isemmi wkoll lill-kleru ta' Ħal Luqa li rrestawra ix-xogħol li kien hemm bżonn fil-Kappella ta' Birmiftuħ.

L-ewwel Kappillan ta' Ħal Luqa kien Dun Wistin Galea S.TH.D (1634-1658), li l-akbar biċċa xogħol kien il-bini tal-Knisja. Il-Knisja l-Qadima ta' Ħal Luqa kien fiha altar maġġur, inkwatru titulari mpitter minn Filippu Dingli, dak tal-lemin dedikat lit-trasfigurazzjoni u tax-xellug lit-twelid tal-Madonna. Qrib il-Knisja kien hemm kolonna b'salib tal-ġebel, imwaqqfa fuq tliet tarġiet li llum għadu jinsab fil-pjazza tar-raħal.

Il-bini tal-Knisja ġdida kien ġab il-ħtieġa tat-twaqqiegħ ta' tliet knejjes żgħar, dawk tal-viżitazzjoni, San Ġiljan u San Anton abbati.

Il-pjanta saret fuq stil doriku minn Dun Ġilju Muscat. Ix-xogħol dam sejjer sal-bidu tas-seklu 18. Beda jsir tibdil fil-kor, u anke fil-faċċta. Il-Knisja ġiet magħmula min kor, 2 kappelluni, kursija bi tliet arkati kull ġenb, koppla u għaxar altari. Fil-faċċata saru żewġ kampnari, u l-kampnar tax-xellug kien tlesta fis-sena 1686.

L-altar maġġur tqiegħed fuq il-presbiterju. Fuq il-lemin tal-knisja hemm il-kappella taċ-ċintura li kellha inkwadru attribwit lil Valerju Failla.

Filwaqt TAR-RUŻARJU: Li għall-ewwel kien iddedikat lil Ispirtu s-Santu, dak li nsibu llum hu tar-Rużarju li tpitter minn Ġużeppi Calì fis-sena 1916, dak TA' SANT'ANNA: Li għall-ewwel kien iddedikat lil San Luqa, illum iddedikat il-Qalb ta' Ġesù, li l-kwadru oriġinali tpitter minn Ġużeppi Calì fis-sena 1906, filwaqt li l-ġdid (għax ta' Calì ċċarrat fil-gwerra min-nofs) huwa ta' Silvio Galimberti fis-sena 1948.

TA' SAN DUMINKU: Li għall-ewwel kien iddedikat lil San Duminku ta' Sariano, li tpitter minn Mattia Preti, filwaqt li l-kwadru li nsibu preżenti llum huwa ta' Ġużeppi Calì li tpitter fis-sena 1908.

Daj TA' SAN MIKIEL: Li għall-ewwel kien iddedikat lil San Anton Abbati, il-kwadru li nsibu llum huwa ta' Ġużeppi Calì li tpitter fis-sena 1908.

TAT-TWELID: Li għall-ewwel il-kwadru tpitter minn Stefano Erardi fis-sena 1655. Il-kwadru li nsibu llum huwa ta' Ġużeppi Calì li tpitter fis-sena 1908.

TA' L-AGUNIJA: Li għall-ewwel il-kwadru ta' San Ġiljan sar minn Valerju Failla. Il-kwadru li nsibu llum tpitter fis-sena 1723 u 1729, hu dak ta' l-agunija.

TA' SANTA MARIJA: Bla dubju ta' xejn hu tal-magħruf Mattia Preti, li tpitter fis-sena 1669.

IL-KOR : L-ewwel inkwatru tat-titular sar 1643 mill-pittur Ludovico La Scala u mħallas minn Bażilju Farrugia, dak tal-lum hu tal-Mattia Preti li pittru fis-sena 1687.

Fl-1693 il-kor twaqqa' u nbena mill-ġdid u tlesta fis-sena 1723. L-iskultura tal-kolonni kienet fuq stil korint, kien hemm l-istatwi San Pietru u San Pawl, b'ornament ta' 2 anġli b'arzella f'idejhom. Minn fuq il-kolonni kien hemm għaddej friz mimli skultura. L-arzella skolpita fil-ġebel kien jidher Sant'Andrija tiela s-sema. L-iskrizzjoni ta' fuq l-inkwatru tisemma l-ewwel darba fis-sena 1737. Fl-1740 il-prospettiva tal-kor kienet indurata kollha.

IS-SEDJI TAL-KOR: Sa sena 1686 kien għadhom jintużaw bankijiet mit-twal, tant li l-isqof Alpheran fiż-żjara fl-1729 qabbad 3 qassisin biex jieħdu ħsieb is-sedji. Id-disinn li jintgħażel kellu jitressaq għall-approvazzjoni tiegħu. Sa s-sena 1737 kien għadu ma sar xejn, tant li l-isqof ħeġġeġ il-membri u l-kleru biex ma jħallux aktar żmien jgħaddi. Il-qassisin wiegħdu li joħorġu 174 skud bejniethom. Dun Luqa Tonna u Dun Lawrenz Caruana nħatru biex jaraw il-ħidma sseħħ.

Fis-7 ta' Frar 1745 Dun Lawrenz u Dun Dumink Farrugia li daħal flok Dun Luqa għamlu kuntratt ma l-imgħallem Antonju Farrugia mill-Isla. Id-disinn tawhulu huma. Kellu jintuża njam tal-punent, fejn tidħol l-iskultura u njam aħmar fix-xogħol l-ieħor kollu, Farrugia ntrabat li s-sedji jaħdimhom Ħal Luqa stess. L-iskultura tħalliet f'idejn Pietru Saliba li ntrabat ilesti li kellu jagħmel l-armi ta' Sant'Andrija, ta' l-Isqof Alpheran, u tal-Kappillan għal fuq is-sedji. Fit-23 ta' Settembru 1745 Monsinjur A. Gurgion mar jara l-kor jinħadem f'ħanut tal-mastrudaxxa ħdejn il-Knisja, għalkemm kien wiegħed li jlestieh sat-30 ta' Novembru 1745, l-imgħallem Farrugia falla. Sa Mejju tas-sena 1746 ix-xogħol kien għadu sejjer. Il-Kor tlesta sa Sant'Andrija ta' dik is-sena u ġie jiswa 340 skud. Fil-żjara ta' l-Isqof Alpheran fis-sena 1752 jgħidilna "għandu disinn li jolqot l-għajn mill-ewwel u mżejjen bi skultura tassew sabiħa."

Is-sedji tal-Kor li nsibu llum tlestew għall-festa tas-sena 1958 mill-imgħallem Ġużeppi Galea fuq disinn ta' Karmenu Tonna mir-Rabat Malta, biex ħa post li kien qabel il-gwerra.

IL-PULPTU: Kif temmew ix-xogħol tal-kor, l-iskultur Saliba u l-Ħalluqin taw bidu biex jagħmlu pulptu. Li kien hemm mal-pilastru maġġur fin-naħa tal-lemin int u dieħel fil-Knisja kien ilu li sar mis-sena 1644. Fis-sena 1729 jissemma li kien miżbugħ u ndurat. L-iskultur Saliba li ħadem id f'id ma' l-imgħallem Farrugia fuq is-sedji tal-Kor, ma sabiex bi tqila jieħu dan ix-xogħol f'idejh. Sa mis-sena 1757 kien lest. Inħadem b'injam aħmar u tqiegħed mal-pilastru maġġur fuq in-naħa tax-xellug u mhux fuq il-lemin kif kien il-qadim. Wieħed kien jitla' għalih minn taraġ magħmul apposta fl-istess pilastru. Illum minnu baqa' l-istatwa ta' Sant'Andrija li tinsab fis-sagristija u il-ħamiema ta' l-ispirtu s-santu li qiegħda fis-suffett tat-tużell tal-festa.

Fl-1968 Karmenu Tonna mir-Rabat tana d-disinn tal-pulptu l-ġdid li nħadem fil-kewba minn ħuh Ġużeppi Tonna. Ix-xogħol tal-bronż li naraw fih tliet anġli li jirrappreżentaw il-fidi, t-tama u l-imħabba, u ż-żewġ kwadri ta' fuq il-pulptu jirrapreżentaw il-predikazzjoni ta' Kristu, li saru fil-Funderija f'Milan.

L-ORGNI: L-ewwel orgni li kellha l-knisja ta' Ħal Luqa kien sar fis-sena 1667 u kien tqiegħed fil-gallarija mal-pilastru maġġur, in-naħa tal-Kappellun tar-Ružarju. Fl-1699 inġarr għall-gallerija li saret għalih fil-kor. Sas-sena 1723 inħadmet il-gallarija għal mal-ħajt l-ieħor tal-kor. Fiha kienu joqgħodu l-mużiċisti fil-festi. Katerina Bondi fis-sena 1674 ħalliet 75 skud biex bl-interssi tagħhom jitħallas l-organista tal-Knisja.

L-orgni l-ġdid instema' l-ewwel darba fil-festa tas-sena 1967. Sewa' 5000 lira u fih 15 il-reġistru reali, 12 il-reġistru mekkaniku. L-orgni ġie ordnat għand id-ditta Taljana Vincenzo Mascioni.

IL-KONFESSJONARJI : L-ewwel konfessjonarju li jissemma kien dak ta' meta tlestiet il-knisja fis-sena 1667. Jissemmew tlieta, filwaqt fis-sena 1729 kien hemm erbgħa u kienu kollha fil-korsija. Dak ta' mal-pilastru bejn l-altar ta' Sant'Anna (Illum tal-Qalb ta' Ġesù) u tal-ġenb kien miżmum għall-Kappillan. Kienu jissemmew żewġ siġġijiet li kienu kull naħa ta' l-altar maġġur. Fis-sena 1686 l-Isqof Coco Palmieri ried li jitneħħew minn hemm. Ried wieħed ħdejn il-pilastru fuq il-lemin ta' l-altar ta' l-Ispirtu s-Santu (illum tar-Rużarju) u l-ieħor tax-xellug dak ta' San Ġiljan (illum ta' l-Agunija).

Fis-sena 1729 l-Isqof Alpheran għamilha ċara li l-irġiel kellhom iqerru fil-Knisja u mhux fis-Sagristija.

Ix-xogħol ta' rħam kien sar tul is-seklu 19 u xi wħud mill-altari inħadmu mill-aħwa Darmanin, fis-snin ta' bejn 1938-1941. Xi altari oħra ħadimhom Feliċ Buhagiar.

Il-Knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Vincenzo Labini nhar is-7 ta' Diċembru 1783. Fis-sena 1796 saru żewġ qniepen ġodda mill-fundatur Ġakkin Trigance li ħadu post il-qodma magħrufa bħala ta' Bonnici u magħhom żdiedu tnejn oħra żgħar.

Il-Knisja ta' Ħal Luqa kienet twila 140 pied minn ġewwa u wiesa' 89 pied fil-kappeluni, u 25 pied fil-korsija. Fil-Knisja hemm meqjum il-korpusant tal-martri San Feliċissmu li kien inqala' mill-Katakombi ta' Santa Ċirjaka ta' Ruma fis-27 ta' Jannar 1771. Dan kien ingħata mill-Papa Ljun XIII lil Dun Vinċenz Marchetti u nġieb fil-parroċċa fl-1771 mill-Kappillan Dun Ġużepp Sultana u t-translazzjoni għall-altar ta' l-agunija saret sentejn wara jiġifieri fis-sena 1773.

Xogħol tal-famuża statwa artistika u monumentali ta' Sant'Andrija Appostlu, għalkemm l-istatwa ma kinitx kompluta minn kollox, inkariga l-famuż statwarju Abram Gatt fejn irfina l-istatwa u pedestall ġdid u l-famuża bradella, u nħadmet mill-membri tas-Soċjetà Unjoni Luqa taħt l-istatwarju Abram Gatt, l-istess fis-sena 1913 li ntemm ix-xogħol.

L-ewwel sett tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira nħadmu fl-aħħar seklu 18. Fis-sena 1830 inħadmu oħrajn ġodda u saru minn Ġużeppi Vella waqt li l-monument sar fis-sena 1884 minn Ċensu Decandia u Pawlu Bugeja l-iskulturi, u l-istatwarju Karlu Darmanin ħadem l-erba' anġli ta' madwaru. Fis-sena 1973 inħadmet l-istatwa tat-tradiment ta' Ġuda minn Ġlormu Dingli. L-istatwi tal-ġebel li tqiegħdu biex iżejnu quddiem il-Knisja tpoġġew fis-sena 1813. Wara l-pesta li kienet ħakmet lil Malta tqiegħdu l-istatwi ta' Santu Rokku u San Mikiel flok oħrajn li kienu ta' Mosè u Aronne. Magħhom żdiedu, aktar tard, l-evanġelista San Luqa u San Tumas, li llum m'għadhomx hemm preżenti.

Fis-sena 1881 M.A. Sapiano ħadem l-arloġġ li dan jimmarka s-sigħat u l-ġranet fuq 4 kwadranti u kien sewa 50 lira u ħallas il-poplu ta' Ħal Luqa.

Fil-bidu tas-seklu 20 inħass il-bżonn li l-Knisja tiġi mkabbra. Sas-sena 1910 tlestew il-famużi navi, bil-kampnari u l-kappelluni. Ix-xogħol kien sar fuq pjanta ta' Franġisku Sammut. L-esekuzzjoni tal-ġebel tħalliet f'idejn Franġisku Zammit u aktar tard daħal floku ibnu Salvu Zammit. Il-bini wasal għal tibdil fl-ordni ta' l-altari, dawk taċ-Ċintura,

tar-Ružarju, Qalb ta' Ġesù u San Duminku. Fis-sena 1928 eżattament fit-18 ta' Novembru ittellgħu sett qniepen magħmulin mid-ditta Prospero Varicozzi ta' Milan li jisimhom Sant'Andrija, Qalb ta' Ġesù, il-Madonna tal-Kunċizzjoni, San Ġużepp, San Felicissimo. Il-parrinijiet kienu l-Monsinjuri K. Grima, A. Vella, Dun Karm u Dun Ġużepp Vassallo u Xmun Azzopardi. L-iskrizzjonijiet li hemm fuq il-qniepen ħarġu mill-pinna tal-latinista Monsinjur Alwiġ Farrugia. L-iskultur Franġisku Saverju Sciortino għamel l-istatwi tar-redentur, il-fidi, it-tama għall-frontispizju tal-faċċata tal-Knisja.

Wieħed mill-eqqel attakki li ġarrbet il-Knisja ta' Ħal Luqa kien dak tad-9 ta' April 1942, meta qatlu 25 ruħ u ġarrfu l-Knisja. Il-parti li ma ntlaqtitx ġiet maqtugħa għaliha b'ħajt u bdiet tintuża għall-funzjonijiet reliġjużi, sakemm f'Awissu tas-sena 1944 il-knisja bdiet tinbena mill-ġdid. Il-Knisja tawluha 12-il pied, wessgħuha 5 piedi u żidulha l-pedestall tas-sekond ordni. Il-koppla wkoll għamluha aktar għolja u b'hekk ġiet 48 pied għolja u diametru ta' 31 pied minn ġewwa. Ix-xogħol tmexxa mill-Perit Indri Micallef, fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Debono. L-inkwatri laterali tal-kor u San Pietru u San Pawl iżżanżnu fil-festa ta' l-1967.

Nhar is-26 ta' Settembru 1962, il-Knisja ta' Ħal Luqa ġiet ikkonsagrata mill-ġdid, mill-Isqof Mikiel Gonzi.

B'hekk rajna l-iżvilupp ta-Knisja ta' Ħal Luqa matul iż-żminijiet u l-istorja tagħha li missirijietna ħabbew u batew għal dak li naraw illum.

*P. Muxi*


# TA' MATTI

Għal kull xorta ta' Gwież,
Bexx, Sulfalt, Demel artifiċjali u prodotti Agrikoli
ta' l-aqwa kwalità
irrikorri għand:-

**ALEX AZZOPARDI**

Gudja Road, Luqa.

**Tel: 809348 - 663593**